MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Numru 388/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmelo Vella u**
**Martin Vella**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmelo Vella, bin Francis u Victoria nee Zammit, imwieled ix-Xewkija, Ghawdex fl-24 ta’ Frar 1939, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 19739(G), u kontra Martin Vella, bin Carmel u Matgaret nee Azzopardi, imwieled Victoria, Ghawdex fil-21 ta’ April 1969, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 11869(G) talli fit-28 ta’ Lulju 2002, ghall-habta tat-8.15 p.m. fix-Xewkija, Ghawdex (**1**) qalu kliem ta’ insulti, malafama, ingurji gravi fil-konfront tal-mara ta’ Salvatore Vella, Giulia, kif ukoll kliem ta’ theddid; (**2**) talli tefghu oggetti iebsa (gebel tas-sejjiegh) ghall-proprjeta` ta’ Salvatore Vella, u cioe` l-faccata u l-

gallerija tad-dar tieghu; (**3**) iddisturbaw il-paci pubblika bl-ghajjat u/jew bil-glied, u qalu kliem oxxen; u aktar talli fl-istess data, hin u lok (**4**) ghamlu hsara volontarja fil-karozza ta' Salvatore Vella (Lada KAT-402) li kienet parkeggjata quddiem ir-residenza tieghu, liema hsara tammonta ghal Lm138; u Carmelo Vella wahdu kien ukoll akkuzat talli fid-29 ta' Lulju 2002 ghall-habta tas-7.00 a.m. (**5**) lil Salvatore Vella kissirlu erba' sigriet tal-frott li jiswew Lm20 u (**6**) qalghalu hamsin gherq tal-bettiegh li jiswew Lm50;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Dicembru 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija imputati hatja biss tal-imputazzjoni nru (**4**) – u ghalhekk illiberathom mill-akkuzi l-ohra kollha – u "bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap. 9" ikkundannathom multa ta' hames mitt euro (€500) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmelo Vella, minnu pprezentat fl-24 ta' Dicembru 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi huwa jigi liberat ukoll mir-raba' imputazzjoni; alternattivament talab ir-riforma kwantu ghall-piena;

Rat ir-rikors ta' Martin Vella, ukoll prezentat fl-24 ta' Dicembru 2008, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens illi huwa jigi liberat ukoll mir-raba' imputazzjoni, jew, alternattivament ir-riforma kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2009; ikkunsidrat:

Ghalkemm l-appellanti f'din il-kawza pprezentaw zewg appelli separati, dawn huma, tista' tghid identici ghal dawk li huma l-aggravji. Dawn l-aggravji jistghu, bazikament, jirriducu ruhhom ghal tlieta: (1) li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha u ghalhekk malament sabet htija fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, (2) li ma ngabitx l-ahjar prova dwar l-ammont tal-hsara, u (3) li l-piena kienet eccessiva.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha, tara li l-aggravji fil-mertu huma nfondati. A bazi tad-deposizzjoni ta’ Salvu Vella u ta’ martu Giulia, kif ukoll a bazi tad-dokumenti ezibiti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li effettivament waslet ghaliha, u cioe` ta’ htija dwar ir-raba’ imputazzjoni. Kwantu ghall-aggravju dwar il-piena, dan jirrazenta l-fieragh. Addirittura l-ewwel qorti nizlet taht il-minimu meta, frankament, ma kien hemm ebda ragunijiet specjali u straordinarji biex taghmel hekk – u fil-fatt ebda ragunijiet specjali u straordinarji ma “jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza” kif irid l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali – izda fuq dan il-punt ma hemm ebda appell tal-prosekuzzjoni. Kieku kien hemm, din il-Qorti kienet tapplika l-piena ta’ prigunerija skond l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9.

Ghall-motivi premessi, tichad iz-zewg appelli u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------